IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.3.2019
COM(2019) 160 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirresjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat membru, u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru

MT MT

# I. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 2011/98/UE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru ("id-Direttiva")[1] ġiet adottata fit-13 ta' Diċembru 2011. Din kienet is-sitt direttiva[2] fil-qasam tal-migrazzjoni legali adottata wara t-Trattat ta' Amsterdam li ta s-setgħa lill-UE li tilleġiżla f'dan il-qasam.

Id-Direttiva għandha żewġ objettivi ewlenin: L-ewwel wieħed huwa li tiffaċilita l-proċedura biex ċittadin ta' pajjiż terz jitħalla jaħdem fi Stat Membru bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku (permess tax-xogħol u permess ta' residenza f'dokument wieħed) u b'hekk tgħin biex tittejjeb il-ġestjoni tal-flussi migratorji. Barra minn hekk, id-Direttiva tistabbilixxi għadd ta' salvagwardji fil-proċedura tal-applikazzjoni.

It-tieni objettiv ewlieni tad-Direttiva huwa li tiżgura trattament ugwali bejn ħaddiema minn pajjiżi terzi u ċittadini tal-Istat Membru ta' residenza.

Id-Direttiva għalhekk hija strument ewlieni fil-politika tal-immigrazzjoni tal-UE għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jingħataw permess jaħdmu jew li diġà jaħdmu fil-25 Stat Membru[3] fejn tapplika d-Direttiva.

Fl-2017 ġew irrappurtati 2 635 896 deċiżjoni dwar il-permessi għad-Direttiva, li minnhom 841 028 deċiżjoni kienu dwar il-ħruġ tal-ewwel permess. Id-deċiżjonijiet l-oħra kienu dwar it-tiġdid jew il-bdil ta' permessi. Mill-permessi kollha li nħarġu fl-2017, 893 198 (34 %) inħarġu għal "attivitajiet rimunerati", 1 006 318 (38 %) għal raġunijiet familjari, 279 405 (11 %) għal finijiet edukattivi u 456 975 (17 %) għal raġunijiet oħrajn. Mill-ewwel permessi kollha li nħarġu fl-2017 (li l-volum tagħhom żdied mill-ewwel sena ta' rappurtar fl-2013), aktar minn 88 % kienu għal attivitajiet rimunerati, u għalhekk dawn koprew proporzjon kbir mill-grupp fil-mira intenzjonat[4]. Il-Belġju u l-Greċja ma jirrappurtaw l-ebda statistika għal din id-Direttiva[5].

Dan ir-rapport dwar l-implimentazzjoni jikkonforma mal-obbligu tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva li jeħtieġ li l-Kummissjoni perjodikament tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri. Dan jagħti ħarsa ġenerali lejn it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva minn 24 Stat Membru u jidentifika kwistjonijiet problematiċi possibbli[6]. Ir-rapport, li għall-ewwel kien mistenni li jiġi ppreżentat sal-25 ta' Diċembru 2016, ġie pospost sabiex jikkoinċidi mal-

1 ĠU L 343 tat-23.12.2011p. 1.

2 L-ewwel waħda kienet id-Direttiva 2003/86/KE dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja.

3 Id-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit mhumiex marbuta b'din id-Direttiva.

4 Analiżi bir-reqqa tal-istatistika għad-Direttiva tinsab inkluża fid-dokument tal-Kontroll tal-idoneità tal-persunal, l-Anness 9.

5 Sors [migr_ressing] u [migr_resocc] fis-7.12.2018. AT tirrapporta biss it-total ta' deċiżjoni dwar permessi, mhux l-ewwel deċiżjonijiet. BG, CZ, LT, NL ma jirrappurtawx permessi għal raġunijiet familjari. BG, CZ, ES, IT, LT, LU, HU, MT, AT ma jirrappurtawx permessi għal finijiet edukattivi. BG, CZ, IT, LT, MT, NL, RO ma jirrappurtawx permessi għal raġunijiet oħrajn.

6 Fiż-żmien li ġie ffinalizzat dan ir-rapport, BE kien għadu ma ttrasponiex bis-sħiħ id-Direttiva, u għalhekk valutazzjoni tal-konformità tal-BE ma kinitx disponibbli. Ara wkoll (CJEU) C-564/17, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju. Il-valutazzjoni ta' dan ir-rapport għaldaqstant tirreferi għall-24 Stat Membru rilevanti l-oħra.

adozzjoni tal-evalwazzjoni komprensiva tal-Kummissjoni tal-qafas regolatorju dwar il-migrazzjoni legali ("kontroll tal-idoneità")[7].

Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tfassal abbażi ta' studju estern li sar bejn l-2014 u l-2016 fuq talba tal-Kummissjoni u abbażi ta' sorsi oħra, inkluż għadd ta' mistoqsijiet ad hoc li tressqu permezz tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni[8], ilmenti individwali, mistoqsijiet, petizzjonijiet u xi kwistjonijiet prattiċi li rriżultaw mill-applikazzjoni tad-Direttiva kif ġie identifikat mill-istudju ta' sostenn għall-kontroll tal-idoneità[9]. Informazzjoni komplementarja dwar l-applikazzjoni prattika tinsab inkluża fid-dokument tal-kontroll tal-idoneità.

## II. IL-MONITORAĠĠ U L-ISTAT TAT-TRASPOSIZZJONI

L-Artikolu 16 jipprovdi li l-Istati Membri kellhom jittrasponu d-Direttiva sal-25 ta' Diċembru 2013. Qabel dan il-Kummissjoni organizzat bosta laqgħat ma' rappreżentanti tal-Istati Membri biex tiddiskuti kwistjonijiet rigward l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tad-Direttiva[10].

Fl-2014 il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra 14-il Stat Membru skont l-Artikolu 258 (ex-226) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) talli naqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva. Minn dakinhar, peress li l-Istati Membri kollha issa nnotifikaw il-miżuri tat-traspożizzjoni, ngħalqu l-proċeduri ta' ksur għan-nuqqas ta' komunikazzjoni ħlief fir-rigward tal-Belġju li ġie riferut lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja[11].

Mill-2011, waslu għadd ta' lmenti relatati speċifikament mas-suġġett irregolat mid-Direttiva. Dawn jittrattaw ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, iż-żminijiet eċċessivi tal-ipproċessar mill-awtoritajiet, aspetti proċedurali oħra, il-livell tat-tariffi, tħassib dwar in-nuqqas ta' trattament ugwali, b'mod partikolari għall-esportazzjoni tal-pensjonijiet, u kategoriji esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. L-ilmenti diġà ġew jew għadhom qed jiġu segwiti permezz ta' skambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati jew permezz ta' proċeduri ta' ksur.[12]

## III. KONFORMITÀ TAL-MIŻURI TA' TRASPOSIZZJONI

### Artikolu 1 — Suġġett

L-Artikolu 1(1) jistipula s-suġġett tad-Direttiva, li huwa li tiddetermina proċedura ta' applikazzjoni unika għall-ħruġ ta' permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu għal skop ta' xogħol fit-territorju ta' Stat Membru. Dan sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-ammissjoni tagħhom u sabiex jiġi ffaċilitat il-kontroll tal-istatus tagħhom, u sabiex jiġi stabbilit

---

7 SWD(2019) 1055 tad-29 ta' Marzu 2019, Kontroll tal-idoneità fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-migrazzjoni legali. Ara wkoll: https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/legal-migration/fitness-check_en .

8 Ara b'mod partikolari l-mistoqsijiet ad hoc tal-EMN mill-2010 sal-2013: is-Sistema tal-Permess Uniku (176); it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/98/KE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku; dwar il-livell tat-tariffi (204 u 205), status ta' residenza parallela (226); il-ġbir ta' taxxa fuq permessi ta' residenza (230), dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali miksuba barra mill-UE (271), ir-regolamentazzjoni tal-assigurazzjoni tas-saħħa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (342), it-tul tal-permess ta' residenza (428), il-format tal-karti ta' residenza u l-permessi familjari (429).

9 ICF(2018) .

10 Diskussjonijiet fil-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Migrazzjoni Legali (2013 – 2014).

11 Il-Belġju nnotifika traspożizzjoni kompluta kmieni f'Jannar 2019 u għalhekk il-każ ta' ksur ingħalaq.

12 Dan ir-rapport jirrifletti s-sitwazzjoni minn Jannar 2019, u mhux bilfors jirrifletti d-djalogu li sar mal-Istati Membri fil-perjodi ta' wara fir-rigward tal-kwistjonijiet ewlenin li tqajmu f'dan ir-rapport.

sett komuni ta' drittijiet għall-ħaddiema ta' pajjiżi terzi legalment residenti fi Stat Membru, ikunu xi jkunu l-għanijiet li għalihom jkunu ġew ammessi fil-bidu nett fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, abbażi tat-trattament ugwali maċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

B'mod ġenerali, is-suġġett tad-Direttiva ġie rifless tajjeb fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri kollha. F'termini ġenerali, 23 Stat Membru[13] ttrasponew id-Direttiva permezz ta' emendi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti tagħhom, jiġifieri prinċipalment billi bidlu l-atti li jirregolaw id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Malta adottat liġi awtonoma speċjali biex tittrasponi d-Direttiva.

L-applikazzjoni tad-Direttiva hija, skont l-Artikolu 1(2), mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Istati Membri dwar l-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-swieq tax-xogħol tagħhom. Kważi l-Istati Membri kollha jwettqu t-test tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jintużaw diversi proċeduri.

### Artikolu 2 — Definizzjonijiet

L-Artikolu 2 fih id-definizzjonijiet tat-termini ewlenin użati fid-Direttiva, jiġifieri "ċittadin ta' pajjiż terz", "ħaddiem minn pajjiż terz, "permess uniku" u "proċedura ta' applikazzjoni unika".

Id-definizzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz, prevista fl-Artikolu 2(a), tistipula li persuna li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE hija kkunsidrata bħala "ċittadin ta' pajjiż terz". Din id-definizzjoni ġiet trasposta b'mod tajjeb.

L-Artikolu 2(b) fih id-definizzjoni ta' "ħaddiem minn pajjiż terz". Din id-definizzjoni hija importanti biex jiġi ddeterminat il-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Kapitolu II (trattament ugwali). L-Istati Membri kollha, minbarra s-Slovakkja, ittrasponew din id-definizzjoni b'mod korrett.

### Artikolu 3 — Kamp ta' applikazzjoni

L-Artikolu 3 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva.

L-Artikolu 3(1) jiddetermina l-kategoriji ta' <u>ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom tapplika d-Direttiva</u>. Skont l-Artikolu 3(1)(a), id-Direttiva tapplika għal ċittadini ta' pajjizi terzi li japplikaw biex jirresjedu fi Stat Membru għal skop ta' xogħol. L-Istati Membri joħorġu diversi permessi lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex jirresjedu fi Stat Membru għal skop ta' xogħol. Dawn jitqiesu bħala permessi uniċi.

Skont l-Artikolu 3(1)(b), id-Direttiva tapplika wkoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li tħallew jidħlu fi Stat Membru għal finijiet oħra apparti x-xogħol skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali, li jkunu jistgħu jaħdmu u li jħaddnu permess ta' residenza f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1030/2002. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ttrasponew din id-dispożizzjoni b'mod korrett. L-Istati Membri joħorġu diversi permessi għal finijiet oħra apparti x-xogħol. Din il-kategorija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jinħarġulha l-permessi skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva. Madankollu, fir-Repubblika Ċeka mhux possibbli jiġi aċċertat jekk ċerti kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fir-Repubblika Ċeka għal finijiet oħra apparti x-xogħol ikunux jistgħu jaħdmu abbażi tat-titoli ta' residenza rispettivi tagħhom. Fil-Portugall, il-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha b'mod espliċitu

---

[13] Kollha ħlief Malta.

lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu membri tal-familja ta' ċittadini Portugiżi. Id-Direttiva, skont l-Artikolu 3(2)(a), teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE li eżerċitaw id-dritt tal-moviment liberu skont id-Direttiva 2004/38/ KE, u mhux lill-membri tal-familja taċ-ċittadini Portugiżi kollha.

Finalment, f'konformità mal-Artikolu 3(1)(c), id-Direttiva tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu tħallew jidħlu fi Stat Membru għal skop ta' xogħol skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali. L-Istati Membri kollha ttrasponew dawn id-dispożizzjonijiet b'mod korrett.

L-Artikolu 3(2) jiddetermina l-kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Bosta esklużjonijiet huma dovuti għal leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-UE li tkopri lil dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. B'mod ġenerali, ta' min jinnota li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, inkluż il-ħruġ ta' permess uniku għal kull kategorija taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi elenkati fl-Artikolu 3(2), mhux bilfors ixxekkel l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Kważi l-Istati Membri kollha[14] ttrasponew l-Artikolu 3(2) fl-intier tiegħu b'mod konformi.

Skont l-Artikolu 3(3), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-Kapitolu II ma japplikax għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew awtorizzati jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru tul perjodu li ma jeċċedix is-sitt (6) xhur jew li jkunu tħallew jidħlu fi Stat Membru għall-finijiet ta' studju. 18-il Stat Membru applikaw din l-opzjoni. Ċipru, il-Greċja, il-Litwanja, Malta u n-Netherlands applikaw din l-opzjoni fir-rigward taż-żewġ kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Ir-Reppublika Ċeka, l-Estonja, Franza, l-Ungerija, il-Portugall u s-Slovakkja applikaw biss l-opzjoni għal ħaddiema li tħallew jidħlu jaħdmu fit-territorju tagħhom tul perjodu li ma jeċċedix is-sitt (6) xhur, filwaqt li l-Awstrija, il-Bulgarija, Spanja, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Latvja u s-Slovenja applikaw din l-opzjoni għall-istudenti biss

Skont l-Artikolu 3(4), l-Istati Membri m'għandhomx japplikaw il-Kapitolu II tad-Direttiva għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitħallew jaħdmu abbażi ta' viża. L-Istati Membri kollha ttrasponew din id-dispożizzjoni b'mod konformi.

## Artikolu 4 — Proċedura ta' applikazzjoni unika

L-Artikolu 4 tad-Direttiva jirregola l-aspetti ewlenin tal-proċedura ta' applikazzjoni unika.

F'konformità mal-Artikolu 4(1), applikazzjoni biex jiġi maħruġ, emendat jew imġedded permess uniku għandha tiġi ppreżentata permezz ta' proċedura ta' applikazzjoni unika. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk l-applikazzjonijiet għal permess uniku jkollhomx isiru miċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew mill-impjegatur taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jippermettu li ssir applikazzjoni minn wieħed jew l-ieħor. Jekk l-applikazzjoni jkollha titressaq miċ-ċittadin tal-pajjiż terz, l-Istati Membri għandhom jippermettu li l-applikazzjoni tiġi introdotta minn pajjiż terz jew, jekk ikun previst mil-liġi nazzjonali, fit-territorju tal-Istat Membru li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun legalment preżenti.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-applikazzjoni relevanti tista' tiġi ppreżentata biss miċ-ċittadin ta' pajjiż terz[15], f'żewġ Stati Membri mill-impjegatur biss (BG u IT) u f'bosta oħrajn miċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew mill-impjegatur[16].

---

[14] Ara t-tħassib fir-rigward tal-Portugall hawn fuq.
[15] CZ, DE, EE, EL, FI, HU, LU, MT, PL, RO, SE u SK.
[16] AT, CY, ES, FR, HR, LT, LV, NL, PT u SI.

F'xi Stati Membri[17] l-permessi ma jinħarġux permezz ta' att amministrattiv uniku. Minflok, il-proċeduri nazzjonali applikabbli jinvolvu duplikazzjoni tas-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni u/jew proċeduri twal.

L-obbligu li tinkiseb approvazzjoni tal-impjieg għat-testijiet tal-ħtiġijiet tas-suq ġieli jista' jikkawża wkoll dewmien bla bżonn fil-proċedura ta' applikazzjoni unika. F'xi Stati Membri, l-approvazzjoni tal-impjieg hija l-ewwel pass qabel ma ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun jista' japplika għal viża. L-approvazzjoni tal-impjieg ġeneralment tintalab mill-impjegatur (FR, RO, ES, BG, PT). Fil-każ ta' Stati Membri oħra (eż. LV u LT), ir-reġistrazzjoni tal-post battal mill-impjegatur hija meħtieġa qabel il-ħruġ tal-viża biex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jidħol fil-pajjiż.

Dawn il-proċeduri f'diversi stadji jistgħu jfixklu l-konformità mad-Direttiva jekk proċeduri bħal dawn, u l-ħin meħtieġ biex jitlestew, kellhom jitqiesu bħala barra mill-proċedura ta' applikazzjoni unika u għalhekk barra wkoll mill-iskadenza ta' erba' xhur stabbilita mid-Direttiva. B'mod partikolari, l-awtorizzazzjonijiet tal-impjieg għandhom jitqiesu bħala parti mill-proċedura ta' applikazzjoni unika meta l-approvazzjoni meħtieġa tkun relatata ma' ċittadin speċifiku ta' pajjiż terz u għal pożizzjoni konkreta.

Skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jeżaminaw applikazzjoni u jadottaw deċiżjoni biex joħorġu, jemendaw jew iġeddu l-permess uniku jekk l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati mil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali. Id-deċiżjoni li jiġi maħruġ, emendat jew imġedded il-permess uniku għandha tikkostitwixxi att amministrattiv uniku li jgħaqqad flimkien il-permess ta' residenza u l-permess tax-xogħol. L-adozzjoni tad-deċiżjoni unika tista' tkun problematika fil-Bulgarija, fil-Portugall u fir-Rumanija minħabba l-istess raġunijiet indikati fir-rigward tal-Artikolu 4(1).

L-Artikolu 4(3) jistabbilixxi li l-proċedura ta' applikazzjoni unika għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-proċeduri tal-viża li jistgħu jkunu meħtieġa għad-dħul inizjali. Dan ġie traspost fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri[18]. Il-Premessa (11) tad-Direttiva tiddikjara li d-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura ta' applikazzjoni unika u dwar il-permess uniku m'għandhomx jirrigwardaw viżi uniformi jew viżi għal soġġorn twil. Id-Direttiva ma tiddefinix x'jikkostitwixxi viża għal dħul inizjali. Madankollu, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2009/50/KE (Karta Blu)[19] u l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva (UE) 2016/801 dwar l-Istudenti u r-Riċerkaturi[20] jiċċaraw li jekk il-permess ikun jista' jinkiseb biss fit-territorju tal-Istat Membru malli l-kundizzjonijiet tal-ammissjoni jkunu ġew issodisfati, l-Istati Membri għandhom joħorġu l-viża meħtieġa liċ-ċittadin ta' pajjiż terz. Fil-każ tal-proċedura tal-permess uniku, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-proċedura tal-viża hija proċedura anċillari li għandha tkun iffaċilitata mill-Istati Membri.

L-Artikolu 4(4) jistipula li meta l-kundizzjonijiet previsti jiġu ssodisfati, l-Istati Membri għandhom joħorġu permess uniku lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għall-ammissjoni u lil ċittadini ta' pajjiżi terzi diġà ammessi li japplikaw biex iġeddu jew jimmodifikaw il-permess ta' residenza tagħhom. Din id-dispożizzjoni ġiet trasposta b'mod korrett mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.

## Artikolu 5 — L-awtorità kompetenti

[17] BG, PT, RO.
[18] Kollha ħlief DE.
[19] ĠU L 155, 18.6.2009, p. 17.
[20] ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi l-obbligu tal-Istati Membri li jaħtru awtorità nazzjonali li jkollha s-setgħa li tirċievi l-applikazzjoni u li toħroġ il-permess uniku. Dan jipprevedi wkoll għal għadd ta' salvagwardji proċedurali, pereżempju l-limitu ta' żmien biex tittieħed deċiżjoni dwar applikazzjoni kompluta, il-konsegwenzi jekk ma tittieħed ebda deċiżjoni, in-notifika obbligatorja lill-applikant u l-konsegwenzi ta' applikazzjoni mhux kompluta.

Skont l-Artikolu 5(1), l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità nazzjonali li jkollha s-setgħa li tirċievi l-applikazzjoni u li toħroġ il-permess uniku. Ħafna mill-Istati Membri ttrasponew id-dispożizzjoni b'mod korrett billi ħatru awtorità kompetenti rilevanti waħda. Dawn ġeneralment ikunu uffiċċji tal-immigrazzjoni, dipartimenti rilevanti fil-Ministeri għall-Intern u l-amministrazzjoni tal-pulizija jew l-għassa tal-pulizija tal-post ta' residenza taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5(2) jistipula li l-awtorità kompetenti għandha tadotta deċiżjoni dwar l-applikazzjoni kompluta malajr kemm jista' jkun u f'kull każ fi żmien erba' (4) xhur mid-data li fiha titressaq l-applikazzjoni. Hemm tħassib dwar il-limitu ta' żmien ġenerali għall-ħruġ ta' deċiżjoni f'disa' (9) Stati Membri[21], l-aktar minħabba n-nuqqas ta' limiti ta' żmien speċifiċi stabbiliti fil-liġi nazzjonali, iżda wkoll minħabba l-implikazzjonijiet taż-żmien tar-rekwiżiti biex issir reġistrazzjoni f'istituzzjonijiet differenti bl-involviment ta' bosta awtoritajiet (eż. is-sigurtà soċjali, is-servizzi mediċi) u l-obbligu li tinkiseb awtorizzazzjoni ta' impjieg li tista' ttawwal jew fil-prattika tikkawża dewmien fil-proċedura kollha.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali marbuta mal-kumplessità tal-eżami tal-applikazzjoni, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jestendu l-iskadenza ta' erba' xhur għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar applikazzjoni kompluta kif stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2). 17-Il Stat Membru[22] ttrasponew din l-opzjoni.

L-Artikolu 5(2), it-tielet subparagrafu, jistipula li meta ma tittieħed l-ebda deċiżjoni matul l-iskadenza prevista f'dan il-paragrafu, kwalunkwe konsegwenza għandha tiġi ddeterminata mil-liġi nazzjonali.

Il-leġiżlazzjoni ta' għadd ta' Stati Membri[23] tistabbilixxi ċaħda taċita u d-dritt li tittieħed azzjoni legali kontra ċaħda bħal din. Stati Membri oħra stabbilixxew approvazzjoni taċita jew id-dritt li jieħdu azzjoni jekk l-amministrazzjoni tonqos milli taġixxi f'limitu ta' żmien speċifikat. Dan isir permezz ta' leġiżlazzjoni speċifika ta' implimentazzjoni jew b'referenza għal-liġi amministrattiva ġenerali.

Madankollu, ġew osservati xi leġiżlazzjoni jew prattiċi nazzjonali problematiċi. Fil-Ġermanja, pereżempju, il-konformità tista' tiġi indebolita minħabba n-nuqqas li jiġi inkluż b'mod espliċitu l-limitu ta' żmien ta' erba' xhur għall-proċedura tal-permess uniku fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, ir-rimedji applikati f'xi Stati Membri ma jidhrux li huma xierqa u jistgħu jwasslu għal inċertezza tad-dritt għal perjodi twal ta' żmien (FI, SE), u fil-każ tal-Iżvezja dawn huma magħquda ma' żminijiet ta' pproċessar twal b'mod eċċessiv.

L-Artikolu 5(4) jeħtieġ li l-awtorità kompetenti tinnotifika lill-applikant bil-miktub dwar jekk l-applikazzjoni tkunx kompluta u, jekk iva, dwar l-informazzjoni jew id-dokumenti addizzjonali meħtieġa, filwaqt li tistabbilixxi skadenza raġonevoli biex dawn jiġu pprovduti. L-iskadenza ta' erba' xhur imsemmija fl-Artikolu 5(2) tista' tiġi sospiża sakemm l-awtorità kompetenti jew

[21] AT, DE, ES, IT, LT, LU, LV, RO u SE.
[22] BG, CY, CZ, EE, EL, FI, HR, LT, LU, LV, MT, NL, PL, RO, SE, SI u SK.
[23] CZ, EE, EL, ES, FR, HR, HU, IT, LT, LU, PL, PT, RO u SK.

awtoritajiet oħra rilevanti jkunu irċevew l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qed japplikaw din id-dispożizzjoni b'mod korrett.

Barra minn hekk, l-awtorità amministrattiva tar-Repubblika Ċeka m'għandhiex l-obbligu li tissospendi l-proċeduri, iżda biss il-possibbiltà li tagħmel dan. Fil-każ tal-Italja, l-iskadenza għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar applikazzjoni kompluta stabbilita fl-Artikolu 5(2) terġa' tibda mill-mument li l-awtorità kompetenti tirċievi d-dokumentazzjoni kompluta.

Ġiet identifikata kwistjoni fejn tidħol l-applikazzjoni f'Malta fir-rigward ta' applikazzjonijiet mhux kompluti. Instab li l-awtoritajiet Maltin jirrifjutaw li jaċċettaw applikazzjonijiet mhux kompluti jew jirrifjutawhom mingħajr ebda notifika bil-miktub, li jfisser li l-applikanti rarament ikunu konxji mill-istatus tal-applikazzjoni tagħhom.

## Artikolu 6 — Permess uniku

L-Artikolu 6 japplika kemm għal dawk li japplikaw biex jiġu ammessi kif ukoll għal dawk ammessi għal skop ta' xogħol. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) jistipula li kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002[24], l-Istati Membri għandhom joħorġu permess uniku bl-użu tal-format uniformi u, skont il-punt (a) 7.5-9 tal-Anness tar-Regolament, għandhom jindikaw l-informazzjoni relatata mal-permess għax-xogħol. Din id-dispożizzjoni ġiet imħarsa mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri b'mod espliċitu[25] jew impliċitu[26] abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar permessi ekwivalenti għall-permess uniku.

Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1), l-Istati Membri jistgħu jindikaw informazzjoni addizzjonali relatata mar-relazzjoni tal-impjieg taċ-ċittadin ta' pajjiż terz (bħall-isem u l-indirizz tal-impjegatur, il-post tax-xogħol, it-tip ta' xogħol, is-sigħat tax-xogħol, ir-remunerazzjoni) f'format stampat, jew jaħżnu din id-data f'format elettroniku. Din l-opzjoni ma ġietx applikata fil-biċċa l-kbira tal-Istat Membri. L-opzjoni ġiet applikata kemm għall-format stampat kif ukoll għal dak elettroniku f'Ċipru, f'Malta u fin-Netherlands. Fil-każ ta' Spanja, Franza u s-Slovakkja, l-opzjoni ġiet applikata biss għall-format stampat filwaqt li l-Ungerija applikat biss l-opzjoni tal-format elettroniku.

L-Artikolu 6(2) jistabbilixxi li l-Istati Membri ma jistgħux joħorġu permessi addizzjonali bħala prova ta' awtorizzazzjoni għall-aċċess għas-suq tax-xogħol b'żieda mal-permess uniku. Bosta Stati Membri jikkonformaw ma' dan. Uħud ittrasponew dan ir-rekwiżit b'mod espliċitu (Ċipru, il-Latvja u Malta) u oħrajn b'mod impliċitu[27] abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-permessi ekwivalenti għall-permess uniku. Id-dispożizzjonijiet dwar it-traspożizzjoni mhumiex ċari fil-Ġermanja.

## Artikolu 7 — Permessi ta' residenza maħruġa għal skopijiet oħra apparti x-xogħol

L-Artikolu 7 japplika għal dawk ammessi għal raġunijiet oħra apparti x-xogħol iżda li jkollhom id-dritt tax-xogħol, fosthom membri tal-familja, studenti u oħrajn, inklużi dawk li jkollhom status ta' residenza permanenti nazzjonali.

---

[24] Kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 2017/1954, (ĠU L 286, 1.11.2012, p. 9-14).
[25] CY, FR, LV, MT u RO.
[26] CZ, DE, EE, EL, ES, FI, HR, HU, LT, LU, PL, SE, SI u SK.
[27] AT, CZ, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IT, LT, LU, PL, PT, RO, SE, SI u SK.

Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1), meta joħorġu permessi ta' residenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1030/2002, l-Istati Membri għandhom jindikaw l-informazzjoni relatata mal-permess tax-xogħol irrispettivament mit-tip tal-permess. Dik id-dispożizzjoni ġiet trasposta fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jew b'mod espliċitu (CY, LV u MT) jew b'mod impliċitu[28] abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar permessi ekwivalenti għall-permess uniku maħruġ għal finijiet oħra barra x-xogħol.

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li tiġi indikata informazzjoni addizzjonali relatata mar-relazzjoni ta' impjieg taċ-ċittadin ta' pajjiż terz (bħall-isem u l-indirizz tal-impjegatur, il-post tax-xogħol, it-tip ta' xogħol, is-sigħat tax-xogħol, ir-remunerazzjoni) f'format stampat, jew li tinħażen din id-data f'format elettroniku. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma ttrasponewx din l-opzjoni. L-opzjoni ġiet applikata kemm għall-format stampat kif ukoll għal dak elettroniku f'Ċipru, f'Malta u fin-Netherlands. Fil-każ ta' Spanja, l-opzjoni ġiet applikata biss għall-format stampat filwaqt li l-Ungerija applikat biss l-opzjoni fil-każ tal-format elettroniku.

L-Artikolu 7(2) jirrekjedi li meta joħorġu permessi ta' residenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1030/2002, l-Istati Membri ma jistgħux joħorġu permessi addizzjonali bħala prova ta' awtorizzazzjoni għall-aċċess għas-suq tax-xogħol.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ttrasponew din id-dispożizzjoni b'mod espliċitu (CY, LV u MT) jew b'mod impliċitu[29] abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar permessi ekwivalenti għall-permess uniku maħruġ għal finijiet oħra barra x-xogħol. Fl-Ungerija, madankollu, ma jistax jiġi aċċertat jekk il-permessi kollha li jistgħu jitqiesu bħala permessi uniċi għal finijiet oħra barra x-xogħol jagħtux ukoll id-dritt għax-xogħol u għalhekk jekk humiex meħtieġa wkoll permessi addizzjonali bħala prova ta' awtorizzazzjoni għall-aċċess għas-suq tax-xogħol. Finalment, fin-Netherlands, għalkemm il-permess tax-xogħol flimkien mad-dokument ta' residenza jaħdem bħala permess uniku, l-ebda dispożizzjoni speċifika ma tindika b'mod espliċitu l-użu tal-format uniformi kif meħtieġ mid-Direttiva, u għalhekk mhuwiex żgurat li m'għandhiex tingħata wkoll dokumentazzjoni addizzjonali bħala prova ta' permess tax-xogħol.

**Artikolu 8 — Garanziji proċedurali**

L-Artikolu 8 jipprevedi ċerti garanziji proċedurali mogħtija lill-applikant tal-permess, jiġifieri l-obbligu li jingħataw raġunijiet bil-miktub għal deċiżjonijiet li jirrifjutaw applikazzjoni għall-ħruġ, għall-emendar jew għat-tiġdid ta' permess, kif ukoll il-garanzija li tingħata informazzjoni bil-miktub dwar l-awtorità kompetenti fejn l-applikant jista' jressaq appell u l-iskadenzi. 19-il Stat Membru ttrasponew il-garanziji proċedurali skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva[30]. It-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali ssir bl-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni speċifika jew b'referenza għal regoli amministrattivi ġenerali. Kwistjonijiet ta' konformità relatati mal-Artikolu 8(1) u (2) jinkludu li r-regoli applikabbli f'xi Stati Membri ma jiggarantixxux li l-applikant jirċievi informazzjoni bil-miktub dwar ir-raġunijiet tar-rifjut, l-isem tal-awtorità fejn l-applikant jista' jressaq appell u l-iskadenza għar-reviżjoni (MT u PL).

L-Artikolu 8(3) jistipula li applikazzjoni tista' titqies inammissibbli abbażi tal-volum tal-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġejjin għal skop ta' impjieg u li, fuq dik il-bażi,

---

[28] CZ, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, LT, LU, PL, RO, SE, SI u SK.

[29] AT, CZ, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IT, LT, LU, PL, PT, RO, SE, SI u SK.

[30] BG, CY, CZ, DE, EE, ES, FI, FR, HR, HU, LT, LU, LV, NL, PT, RO, SE, SI u SK.

ma jkunx hemm għalfejn li din tiġi pproċessata. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma ttrasponewx din l-opzjoni[31]. Oħrajn applikawha b'mod konformi, b'mod espliċitu (CY, EL u IT) jew impliċitu (EE, HR, HU, MT, NL, RO u SK).

**Artikolu 9 — Aċċess għall-informazzjoni**

L-Artikolu 9 jobbliga lill-Istati Membri biex jipprovdu informazzjoni adegwata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz u lill-impjegatur futur tiegħu dwar id-dokumenti meħtieġa biex iressqu applikazzjoni kompluta. Din id-dispożizzjoni ġiet trasposta mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jew permezz ta' traspożizzjoni espliċita (CY, EL, LU u MT) jew abbażi tal-prinċipji ġenerali tal-liġi amministrattiva li jiżguraw l-aċċess għall-informazzjoni[32] u bil-possibbiltà (addizzjonali) li tinkiseb informazzjoni dwar id-dokumenti meħtieġa permezz tas-siti web tal-awtoritajiet kompetenti (AT, CZ, DE, FR, HR u SK). Xi Stati Membri (BG, EE, PT u SI) ma jistipulawx b'mod ċar l-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti li jagħtu informazzjoni adegwata dwar id-dokumenti meħtieġa biex titressaq applikazzjoni kompluta.

**Artikolu 10 — Tariffi**

L-Artikolu 10 jippermetti li l-Istati Membri jitolbu lill-applikanti biex iħallsu tariffi, fejn ikun xieraq, għat-trattament tal-applikazzjonijiet skont id-Direttiva. Tariffi bħal dawn jiġu imposti mill-Istati Membri kollha għall-ipproċessar tal-applikazzjoni. F'xi każi, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tariffi huma għoljin wisq u, għall-kuntrarju tal-prinċipju tal-proporzjonalità, jipperikolaw l-*effet utile* tad-Direttiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat dan f'żewġ sentenzi[33]. Il-Kummissjoni wettqet skambji mal-awtoritajiet nazzjonali u nediet għadd ta' proċeduri ta' ksur kontra xi Stati Membri talli talbu tariffi eċċessivi u sproporzjonati għall-permessi ta' residenza taħt Direttivi differenti, inkluża d-Direttiva dwar il-permess uniku[34].

**Artikolu 11 — Drittijiet abbażi tal-permess uniku**

Il-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 11 jistabbilixxu d-drittijiet mogħtija abbażi tal-permess uniku: id-dħul u r-residenza, l-aċċess liberu għat-territorju kollu, id-dritt tal-eżerċizzju tal-attività speċifika tal-impjieg awtorizzata u d-dritt għall-informazzjoni dwar id-drittijiet tad-detentur innifsu. Fil-biċċa l-kbira l-Istati Membri ttrasponew l-Artikolu 11 fl-intier tiegħu[35].

Id-dispożizzjonijiet dwar it-traspożizzjoni tal-Artikolu 11, punt b (aċċess liberu għat-territorju kollu) fil-Polonja u tal-Artikolu 11, punt d (l-eżerċizzju tal-attività speċifika tal-impjieg) fl-Awstrija, fil-Ġermanja, fl-Estonja, fil-Lussemburgu u fis-Slovenja mhumiex identifikati biċ-ċar. Ma jidhirx li l-informazzjoni dwar id-drittijiet mogħtija hija disponibbli f'dawn l-Istati Membri. Huwa biss f'għadd żgħir ta' Stati Membri li l-ħaddiema minn pajjiżi terzi għandom l-istess drittijiet bħaċ-ċittadini biex jibdlu x-xogħol jew lill-impjegatur tagħhom (FI, FR, IT u SI).

**Artikolu 12 — Dritt għal trattament ugwali**

---

31 AT, BG, CZ, DE, ES, FI, FR, LT, LU, LV, PL, PT, SE u SI.

32 AT, CZ, DE, ES, FI, HR, HU, IT, LT, LV, PL, NL, RO, SE u SK.

33 Is-26 ta' April 2012, C-508/10, Il-Kummissjoni v. in-Netherlands; u t-2 ta' Settembru 2015, C-309/14, CGIL & INCA.

34 BG ngħalaq wara bidliet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. EL, NL u PT għadhom għaddejjin.

35 BG, CY, CZ, EL, ES, FI, FR, HR, IT, LT, LV, MT, NL, PT, RO, SE u SK.

Skont it-termini tal-Artikolu 12 tad-Direttiva, id-detenturi ta' permess uniku jgawdu trattament ugwali bħaċ-ċittadini f'għadd ta' oqsma, inklużi l-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-libertà tal-assoċjazzjoni, il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, l-edukazzjoni, ir-rikonoxximent ta' kwalifiki akkademiċi u professjonali, il-benefiċċji tat-taxxa, l-aċċess għal oġġetti u servizzi u għal servizzi ta' konsulenza (punti (a) sa (h)). B'mod ġenerali l-Istati Membri ttrasponew dan l-Artikolu b'mod konformi.

L-Artikolu 12 jippermetti wkoll restrizzjonijiet fuq it-trattament ugwali fir-rigward ta' wħud miż-żoni speċifikati u jiċċara li t-trattament ugwali għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jirtiraw jew jirrifjutaw li jġeddu l-permess tar-residenza. Minkejja l-eżistenza ta' dawn ir-restrizzjonijiet fakultattivi, ftit kienu l-Istati Membri li użawhom.

Barra minn hekk, l-Artikolu 12 jindirizza t-trattament ugwali fir-rigward tal-portabbiltà tal-benefiċċji tal-pensjoni. Skont l-Artikolu12(1), id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar it-trattament ugwali japplikaw mhux biss għal dawk ammessi għax-xogħol skont il-liġi tal-UE jew nazzjonali, iżda wkoll għal dawk li jingħataw permess ta' residenza għal raġunijiet oħra, sakemm dawn jitħallew jaħdmu.

L-Artikolu 12 ġie traspost fil-liġijiet nazzjonali permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi jew klawżoli ġenerali ta' trattament ugwali jew permezz ta' dispożizzjonijiet li jirregolaw kull waħda mill-oqsma speċifikati taħt il-punti (a) sa (h).

Għadd ta' lmenti mressqa f'dan il-qasam jindikaw li fil-prattika jista' jkun hemm xi problemi bit-traspożizzjoni, b'mod speċjali fejn il-prinċipju tat-trattament ugwali jrid jiġi implimentat minn firxa ta' awtoritajiet reġjonali u lokali differenti.

Il-kwistjonijiet tat-traspożizzjoni dwar it-trattament ugwali jirriżultaw, b'mod partikolari, fir-rigward ta' dawn l-aspetti:

- L-esklużjoni ġenerali tad-detenturi tal-viża (il-Portugall);
- Ir-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali oħra fin-Netherlands (rikonoxximent ta' diplomi għar-residenti permanenti biss);
- L-aċċess għal ċerti fergħat tas-sigurtà soċjali fin-Netherlands (restrizzjoni fuq l-aċċess għal benefiċċji tal-mard fi flus kontanti u għal benefiċċji tal-qgħad għal persuni b'residenza temporanja), is-Slovenja (tip wieħed biss ta' benefiċċji tal-familja — is-suppliment tat-tfal — huwa disponibbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi); L-Italja (id-detenturi ta' permess uniku esklużi minn ċerti tipi ta' benefiċċji tal-familja)[36], l-Iżvezja (restrizzjonijiet fuq il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali għal soġġorni ta' inqas minn sena);
- Aċċess għal oġġetti u servizzi f'Ċipru (ħaddiema minn pajjiżi terzi m'għandhomx id-dritt li jixtru proprjetà immobbli għal finijiet ta' akkomodazzjoni).

*Restrizzjonijiet fakultattivi*

Skont l-Artikolu 12(2), l-Istati Membri għandhom l-opzjoni li jirrestrinġu t-trattament ugwali skont il-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 12(1). Bosta Stati Membri m'applikawx dawn l-opzjonijiet kollha, fejn Ċipru biss għażel li jadotta r-restrizzjonijiet fakultattivi kollha, filwaqt li xi wħud (BG, CZ, ES, HR, LU, RO u SK) m'applikaw l-ebda waħda mill-opzjonijiet.

Skont l-Artikolu 12(3), id-dritt għal trattament ugwali kif stabbilit fl-Artikolu 12(1) għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istat Membru li jirtira jew jirrifjuta li jġedded il-permess ta' residenza maħruġ skont din id-Direttiva, il-permess tar-residenza maħruġ għal

[36] Ara l-Kawża C-449/16 Martinez Silva.

finijiet oħra apparti x-xogħol, jew kull awtorizzazzjoni oħra ta' xogħol fi Stat Membru. Il-Polonja ma ttrasponietx l-Artikolu 12(3). Il-bqija tal-Istati Membri ttrasponew din id-dispożizzjoni jew b'mod espliċitu jew permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali oħra.

*Esportazzjoni tal-pensjonijiet*

Skont l-Artikolu 12(4), ħaddiema minn pajjiżi terzi li jiċċaqilqu lejn pajjiż terz jew is-superstiti tagħhom li jirrisjedu f'pajjiż terz u li jieħdu drittijiet mingħand dawk il-ħaddiema, huma intitolati li jirċievu pensjonijiet statutorji għax-xjuħija, għall-invalidità u għall-mewt. Il-pensjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-impjieg preċedenti tal-ħaddiema minn pajjiżi terzi u miksuba skont il-leġislazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, bl-istess kundizzjonijiet u bl-istess rati li jgawdu ċ-ċittadini tal-Istati Membri kkonċernati meta jiċċaqilqu lejn pajjiż terz.

Tlettax-il Stat Membru[37] jippermettu t-trasferiment tal-pensjonijiet (li jkopri l-benefiċċji tax-xjuħija, tal-invalidità u tas-superstiti) lejn pajjiżi terzi. F'dan ir-rigward iċ-ċittadini u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu ttrattati bl-istess mod. Ġew identifikati problemi fis-Slovenja, fi Franza, fin-Netherlands u fil-Bulgarija. Skont il-liġi Slovena, il-benefiċjarju li bħala ċittadin barrani jirriloka b'mod permanenti barra s-Slovenja jirċievi pensjoni f'pajjiż barrani jekk ikun ġie ffirmat ftehim internazzjonali mal-pajjiż tar-rilokazzjoni jew jekk dak l-istat jirrikonoxxi tali dritt liċ-ċittadini Sloveni. Madankollu, għaċ-ċittadini tagħha s-Slovenja tħallas il-pensjoni lill-benefiċjarju li jkun jgħix barra l-pajjiż fiċ-ċirkustanzi kollha. Fi Franza, il-pensjonijiet tal-invalidità u tal-mewt ma jistgħux jiġu esportati lejn pajjiżi terzi. Fin-Netherlands ir-rati jidhru li huma mnaqqsa għall-esportazzjoni tal-pensjonijiet li jaffettwaw ir-ritorn lejn pajjiżi terzi. Il-leġiżlazzjoni Bulgara tippermetti l-esportazzjoni tal-pensjonijiet biss jekk ikun hemm ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi.

**Artikolu 13 — Dispożizzjonijiet aktar favorevoli**

L-Artikolu 13 jippermetti l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet aktar favorevoli. Skont l-Artikolu 13(1)(a), id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar favorevoli tal-liġi tal-Unjoni, inklużi ftehimiet bilaterali u multilaterali bejn l-Unjoni, jew bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u pajjiż terz wieħed jew aktar min-naħa l-oħra. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ttrasponew din id-dispożizzjoni b'mod konformi.

Skont l-Artikolu 13(1)(b), id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom japplikaw ukoll mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar favorevoli ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz wieħed jew aktar. F'dan ir-rigwad ma ġewx osservati kwistjonijiet problematiċi.
Skont l-Artikolu 13(2), l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li jkunu aktar favorevoli għall-persuni li japplikaw għalihom. F'dan ir-rigwad ma ġewx osservati kwistjonijiet problematiċi.

**Artikolu 14 — Informazzjoni lill-pubbliku ġenerali**

L-Artikolu 14 jirrikjedi li l-Istati Membri jagħmlu informazzjoni aġġornata disponibbli b'mod regolari għall-pubbliku ġenerali dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta'

[37] AT, CY, EE, ES, HR, IT, LT, MT, NL, PL, RO, SE u SK.

pajjiżi terzi fit-territorju tagħhom sabiex jaħdmu fih. L-Istati Membri kollha jikkonformaw ma' dan l-obbligu. Ġie ipprovduta traspożizzjoni espliċita fil-leġiżlazzjoni f'għaxar Stati Membri[38]. L-istudju[39] rigward l-applikazzjoni prattika tal-qafas tal-migrazzjoni legali tal-UE mwettaq għall-kontroll tal-idoneità indika informazzjoni ġeneralment insuffiċjenti pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u d-drittijiet marbuta mal-permessi.

**Artikolu 2 — Rappurtar**

L-Artikolu 15(2) jobbliga lill-Istati Membri kull sena, u għall-ewwel darba sal-25 ta' Diċembru 2014, biex jikkomunikaw lill-Kummissjoni statistiċi dwar il-volumi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess uniku matul is-sena kalendarja preċedenti, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 862/2007. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri[40] l-obbligi ta' informazzjoni mhumiex trasposti b'mod espliċitu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda huma ssodisfati fil-kuntest tal-proċeduri amministrattivi. Ċipru, il-Greċja u l-Litwanja biss jirregolaw tali obbligi fil-leġiżlazzjoni tagħhom. Madankollu, il-Greċja u l-Belġju s'issa għadhom ma rrappurtaw ebda statistika.

## IV. KONKLUŻJONIJIET

Il-promozzjoni tal-integrazzjoni u tan-nondiskriminazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi hija impenn tal-UE li ilu stabbilit. Id-Direttiva dwar il-Permess Uniku hija għodda kruċjali sabiex jinkiseb dan l-objettiv. Mill-għeluq tal-iskadenza tat-traspożizzjoni tagħha fi tmiem l-2013, il-Kummissjoni nediet għadd ta' proċeduri ta' ksur u skambjat informazzjoni mal-Istati Membri sabiex tiżgura li dawn ikunu ttrasponew u implimentaw b'mod korrett id-dispożizzjonijiet tagħha.

Aspett ewlieni tad-Direttiva huwa t-twaqqif ta' mekkaniżmu "punt uniku ta' servizz" fil-livell nazzjonali. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward tal-istruttura organizzattiva ta' istituzzjonijiet governattivi fejn il-kwistjoni tal-permessi tax-xogħol u tar-residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' awtoritajiet differenti — jiġifieri l-Ministeru għall-Intern u l-Ministeru għall-Impjieg. L-Istati Membri kollha żiedu l-isforzi tagħhom biex iwaqqfu dan it-tip ta' mekkaniżmu. Madankollu fil-proċedura għad fadal kwistjonijiet problematiċi. Il-problemi li fadal jirrigwardaw prinċipalment il-passi amministrattivi multipli meħtieġa, iż-żmien meħtieġ biex jinkisbu l-viżi għad-dħul u l-approvazzjoni tas-suq tax-xogħol u r-rispett ta' ċerti salvagwardji proċedurali.

Id-Direttiva tiggarantixxi wkoll lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu detenturi ta' permess uniku sett estiż ta' drittijiet u tippromwovi l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament ugwali huma element ewlieni tal-qafas tal-migrazzjoni legali tal-UE. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar it-trattament ugwali u sar biss użu limitat tad-dispożizzjonijiet li jippermettu r-restrizzjoni fuq ċerti drittijiet. Dan ir-rapport juri, madankollu, ċerti nuqqasijiet fit-traspożizzjoni tad-Direttiva (pereżempju, interpretazzjoni restrittiva tad-dispożizzjonijiet dwar it-trattament ugwali fi ftit Stati Membri) li għandhom iwasslu għat-teħid ta' aktar passi fuq il-livell tal-UE u fuq dak nazzjonali. Finalment, il-kontroll tal-idoneità dwar il-migrazzjoni legali wera nuqqas ta' informazzjoni fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar il-possibbiltà li jiksbu permess uniku u d-drittijiet marbuta miegħu.

---

38 CY, EL, ES, FI, FR, HR, LT, MT, PT u SK.

39 " Bażi ta' evidenza għall-implimentazzjoni prattika tar-rapport tal-Anness 2A ICF (2018) tad-Direttiva dwar il-Migrazzjoni Legali.

40 AT, BG, CZ, DE, EE, ES, FI, FR, HR, HU, IT, LU, LV, MT, PL, PT, NL, RO, SE, SI u SK.

Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura li d-Direttiva tiġi trasposta u implimentata b'mod korrett fl-UE kollha. Sabiex tikseb dan ir-riżultat, il-Kummissjoni se tagħmel użu sħiħ mis-setgħat tagħha taħt it-Trattat, inkluż billi tniedi proċeduri ta' ksur fejn ikun meħtieġ. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri fil-livell tekniku. Xi kwistjonijiet legali u tekniċi jistgħu jiġu diskussi u ċċarati aktar, fosthom ir-rekwiżiti tat-test tal-viża u tas-suq tax-xogħol, il-kopertura tat-trattament ugwali u kwistjonijiet relatati mal-format tal-permessi u mal-informazzjoni li għandu jkun fihom. Barra minn hekk, id-detenturi ta' permess uniku għandhom ikunu infurmati aħjar dwar id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva.

Il-Kummissjoni se tagħmel l-aħjar użu mis-siti web eżistenti, prinċipalment permezz tal-Portal tal-Immigrazzjoni aġġornat u se tħeġġeġ u tappoġġa lill-Istati Membri fit-tnedija ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni sabiex tinforma lill-applikanti potenzjali dwar id-drittijiet u l-proċeduri meħtieġa biex jiksbu l-permess uniku.